KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – IT-TLIETA, 28 TA' JANNAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sna Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm quorum biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

Il-Kunsill osserva minuta silenzju biex isellem il-memorja tas-Sur Raymond Brincat li ħalla din id-dinja nhar is-27 ta' Jannar 2020, impjegat tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

**13.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

13.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Bernice Farrugia.

13.1.2 Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Godwin Catania.

13.1.3 Il-Kunsill approva l-ittri ta' apoloġiji.

## 13.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.

13.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (12) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

13.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 13.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

13.3.1 Ma kienx hemm.

## 13.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

13.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li r-residenti tal-Iklin b'mod partikolari għadhom preokkupati bis-sitwazzjoni tal-*pedestrian crossings* fil-Bypass ta' B'Kara. Informa li s-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lill-Infrastructure Malta fis-27 ta' Diċembru 2019 dwar is-sitwazzjoni preżenti fejn il-Kunsill talab biex id-deċiżjoni terġa tiġi rikunsidrata.

Is-Sindku kien qed jirriferi għal '*waiting time'* biex ir-residenti u l-pubbliku inġenerali jkunu jistgħu jaqsmu minn naħa għall-oħra tal-By-Pass. Is-Sindku kompla jgħid li l-istennija biex wieħed jaqsam min-naħa għall-oħra tat-triq għandu jkun rivedut filwaqt li jingħata ħin suffiċċjenti biex il-pubbliku jaqsam min-naħa sa oħra tal-By-Pass. Stqarr li l-awtoritajiet iridu jieħdu in kunsiderazzjoni lill-anzjani u lill-persuni b'diffikultà ta' mobilità.

Sfortunatament, it-talba tal-Kunsill ma kenitx aċċettata u l-Kunsill kien infurmat lijekk persuna tiddeċiedi li tieħu l-liġi b'idejha u taqsam meta jkun għadu ma qalibx id-dawl aħdar, ikun qed jipperikola ħajtu u ta' kull min ikun qed juża t-triq.

Is-Sindku qal li din mhiex aċċettabbli għall-Kunsill li l-vettura tieħu prijorità fuq il-persuna u għaldaqstant iħoss ir-responsabbiltà li jikteb direttament lill-Onor. Ministru Dr. Ian Borg biex jevalwa din is-sitwazzjoni.

Is-Sindku irrimarka li meta l-istennija tkun eċċessiva, l-iskop tal-*pedestrian crossing* titlef l-effett tagħha għaliex il-persuna tipprova taqsam qabel ma jaqilbu *lights* speċjalment meta tkun maqbud fin-nofs bejn karreġġjata u oħra speċjalment l-anzjan li ma jilħaqx jaqsam minħabba li naqas il-ħin li fih tista taqsam jew fil-maltemp fejn ma għandek l-ebda l-lqugħ jew protezzjoni mill-ilmijiet u mill-vetturi. Ikkonkluda li dan huwa inkonvenjent kbir għaliex *traffic lights* jintużaw minn persuni ta' kull età, minn tfal sal-anzjani.

13.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva notifika dwar PA 2013/16 site at Triq tal-Balal, Ix-Xwieki L-Iklin 'Restoration of existing quarry into agricultural field including part construction of boundary wall' u sabiex membru tal-Kunsill ikun jifforma parti mill-*Planning Board* u dan skont Artiklu 63 (2)(h) l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp fejn membru tal-Kunsill għandu dritt għall-vot fuq applikazzjonijiet ta' proġetti kbar. Informa li lura għal Mejju tas-sena 2018, il-Kunsill kien issottometta rappreżentazzjoni dwar din l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar fuq parir tal-Konsulent tal-Kunsill. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ser jattendi għal din is-sessjoni skedata għal nhar it-30 ta' Jannar 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkonferma l-attendenza tas-Sindku bħala rappreżentant tal-Kunsill fil-*Planning Board*.

13.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras irrelata dwar il-proġett ta' Triq il-Wied fejn informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet kellhom jibdew proprju dalgħodu. Infurmat ukoll li skont il-Perit responsabbli minn dan il-proġett, se jkun qed isir l-implimentazzjoni tal-*istorm water catchments*, talba li kienet saret mill-Kunsill fl-istadju inizjali ta' dan il-proġett. Is-Sindku qal li kien ser jibqa f'kuntatt mall-Perit biex isegwi l-fażijiet kollha tal-proġett għaliex huwa fl-interess tal-Kunsill li jiġu ndirizzati d-difetti eżistenti fl-imsemmija triq.

## 13.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

13.5.1 Ma kienx hemm.

## 13.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

13.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-14 u s-27 ta' Jannar 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

13.6.2 Is-Sindku staqsa dwar korrispondenza nru. 93/20. Problema fi *drains* fi Triq San Mikiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħlijiet imorru lura għal Novembru 2019 meta l-Kunsill kien għaddej bil-proġett ta' Triq San Mikiel fejn inbidlu s-servizzi tal-ilma u sar wiċċ ġdid bl-*asphalt*. Kien ser jitkellem mall-Perit dwar dan l-ilment għaliex il-Kuntrattur appuntat mill-Kunsill kien assenjat biex ibiddel is-servizzi tal-ilma. Drenaġġ ma nbidel xejn.

13.6.3 Is-Sindku staqsa dwar korrispondenza nru. 137/20. *CRPD* – Ilment dwar bankina għolja fil-viċinanzi ta' Gallarija Darmanin.

Se ssir spezzjoni u jintalab sabiex isir Condition Report mill-Perit tal-Kunsill.

13.6.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 203/20. PQ's no 12553 & 12554.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minn żmien għal żmien, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jgħaddi PQ's lill-Kunsilli Lokali biex iwieġbu għal PQs li jsiru mill-membri parlamentari.

Rigward PQ 12553, il-Kunsilli ġew mistoqsija jekk għandhomx radju tal-komunità.
Rigward PQ 12554, il-Kunsilli ġew mistoqsija liema huma dawk il-Kunsilli li għandhom 'Karta ta' Servizz ta' Kwalità.

**COMPLAINTS SHEET (14 - 27 JANUARY 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 | 17/01/2020 | Bozoz maqtugħin fi Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 17 | 21/01/2020 | Ilment dwar inbiħ ta' kelb minn residenza fi Trejqet il-Poeti. | closed | Trejqet il-Poeti | **POLICE** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | 21/01/2020 | Ilment dwar it-*traffic lights* ta' Triq in-Naxxar quddiem iċ-Ċimiterju. Dawn idumu biex jaqilbu. | pending | Triq in-Naxxar | **TRANSPORT** |
| 19 | 21/01/2020 | Bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq ir-Razzett l-Aħmar, ftit 'il fuq minn ta' Ċomba. | pending | Triq ir-Razzett l-Ahmar | **ENEMALTA** |
| 20 | 24/01/2020 | Talba biex il-ġbir tar-recycling jiżdied għal ġurnata oħra għaliex ikollha ħafna kaxxi u peress li anzjani ma jistgħux imorru jbattlu fl-iskips. | pending | | **COUNCIL** |
| 21 | 25/01/2020 | Ilment dwar inbih ta' kelb minn residenza fi Trejqet il-Poeti. | pending | Trejqet il-Poeti | **Animal Welfare** |
| 22 | 24/01/2020 | Hemm l-inspection tad-drenaġġ fuq il-bankina mifqugħ quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq in-Naxxar. | pending | Triq in-Naxxar | **THIRD PARTY** |

## 13.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

13.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

13.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

13.7.4 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' kwotazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' xiri ta' servizzi/oġġetti kif jidher hawn taħt:

a. Xiri ta' 30l Cross Cut Shredder mingħand il-fornitur PC Options Ltd għall-prezz ta' Eur279.00 V.A.T. inkluż;
b. Servizz ta' servicing ta' Fire Extinguishers, xiri ta' First Aid Kits, u xiri ta' twin stand for fire extinguishers mingħand il-fornitur Pace Fire Prevention għall-prezz ta' Eur182.90 V.A.T. inkluż;

## 13 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

13.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

13.8.2 Applikazzjoni PA/09922/19 – Triq il-Ħwawar L-Iklin. '*Proposed demolition of existing villa and proposed construction of two villas with proposed pools.*

13.8.4 Applikazzjoni PA/09816/19 – Triq Ġeronimo Abos L-Iklin. 'Demolition of existing first floor maisonette and washroom, alterations to existing ground floor to add common stairs and lift and construction of 4 apartments (2x 3-bed and 2 x 2-bed and 1 penthouse.

## 13 .9 ESTIMI FINANZJARJI 2020

13.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jispjega l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena kurrenti.

13.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-fondi allokati għall-funzjonijiet speċifiċi għandhom jintużaw għall-iskop li għalih qed jingħataw. Żied li l-allokazzjoni finanzjarja hija ta' Eur289,712 u qed tiġi *ring fenced* kif ġej hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | Eur3,912; |
| Manutenzjoni tat-Toroq Urbani – Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku | Eur54,331; |
| Manutenzjoni tat-Toroq mhux urbani – Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku | Eur13,010; |
| Manutenzjoni tat-Toroq – Knis ta' Toroq Urbani | Eur36,750; |
| Manutenzjoni tat-Toroq – Knis ta' Toroq non-Urban | Eur5,782; |
| Immaniġġjar tal-iskart – Ġbir ta' skart | Eur57,835; |
| Spejjeż ta' Amministrazzjoni | Eur98,695; |
| Immaniġġjar tal-iskart – Waste Tipping Fees | Eur19,397; |

13.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka dwar l-Immaniġġjar tal-iskart Tipping fees fejn spjega li għalkemm jidher a *prima facie* li żdiedet l-allokazzjoni għat-tipping fees, mhiex ċara jekk din iż-żieda fl-allokazzjoni hux sabiex titħallas d-differenza tat-tipping fees għas-sena 2019 li s-soltu jagħmel tajjeb għaliha d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Jekk noqogħdu fuq din is-suppozizzjoni, jkun ifisser li dak li ġie allokat mhux se jkun biżżejjed.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tinsab f'diskussjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex jiċċaraw din il-pożizzjoni. L-istess l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed titkellem mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jiġi ċċarat dan il-punt. Il-President tal-Assoċjazzjoni saħaq li l-Kunsilli m'għandhomx mezz kif jivverifikaw il-fattura u x'qed jidħol l-WasteServ.

Aktar żviluppi dwar il-Waste Tipping fees jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill. -Kunsilli m' ghandhomx mod kif jivverifikaw l-istess fattura u x' diehel Wasteserv. Allura ma jistghux ihallsu ammonti li m' humiex gustifikati jew li jistghu

13.9.4 Is-Sindku Dr. Sciberras ikkonkluda li wara li tinżamm il-laqgħa tal-lokalità li ġiet skedata għal nhar it-30 ta' Jannar 2020, il-Kunsill se jkun qed iressaq l-estimi finanzjarji skont din l-allokazzjoni finanzjarja biex eventwalment l-estimi finanzjarji jitilgħu għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa skedata għal nhar is-17 ta' Frar.

## 13.10 FESTA FJURI 2020

13.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar l-attività annwali 'Festa Fjuri'. Semma li l-Kunsill kien applika għall-fondi fil-bidu ta' din il-leġiżlatura l-ġdida mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali taħt l-iskema 'Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali' f'Ottubru 2019 fejn il-Kunsill kien issottometta l-proposta tiegħu u fejn kien eliġibbli għall-fondi li jammontaw għal Eur7k.

F'dan l-istadju, huwa saħaq li kien importanti li nistabbilixxu data biex jibda x-xogħol preparatorju fuq din l-attività kulturali. Semma wkoll il-possibilità li nerġgħu nitkellmu mal-Environmental Landscapes Consortium Ltd u mal-Valletta Cultural Agency biex isir kollaborazzjoni bħal ma sar f'edizzjonijiet passati.

13.10.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Sciberras ippropona li l-Kunsillier responsabbli mill-qasam tal-Kultura għandu jlaqqa s-sotto-Kumitat biex tibda l-ħidma u jitfassal programm tal-attivitajiet.

13.10.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit iffissa d-data tat-3 ta' Frar 2020 biex ilaqqa l-Kumitat tal-Kultura.

13.10.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia filwaqt li appoġġjat il-ħsieb tas-Sindku dwar din l-attività kulturali, esprimiet ix-xewqa

li din l-attività ssir fuq skala ferm akbar mis-soltu bħal edizzjoni tas-sena 2013 meta Festa Fjuri ġiet imtella għal-ewwel darba fis-sena 2013.

13.10.5 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta dwar l-ispejjeż marbuta ma' din l-attività kulturali u kien tal-ideja li x-xitel li jinġieb fl-attività inkunu nistgħu nxettluh fis-*soft landscapings* li għandna fil-Pjazza.

13.10.6 Il-Kunsillier Yvonne Bartolo issuġġeriet li l-Kunsill għandu jkompli jibni fuq l-edizzjonijiet passati. Żiedet tgħid li s-sena li għaddiet, minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, ġiet imtella fuq skala ridotta.

13.10.7 Is-Sindku ikkonkluda li kien importanti għall-Kunsill li tiġi ffissata d-data biex tibda ħidma kollettiva għall-edizzjoni ta' din is-sena.

## 13.11 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ E.S. INGLOTT U TOROQ OĦRA RESIDENZJALI

13.11.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jirrevedi l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Erin Serracino Inglott u t-toroq immedjati. Mill-ilmenti u s-suġġerimenti li qed jaslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill jidher evidenti li hemm bżonn titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku minħabba perikli kontinwi bil-possibiltà li jkomplu jiġru l-inċidenti u abbużi oħra.

Semma li fil-parti ta' Triq E.S. Inglott bejn Triq Ġużè Pesci u Triq Anton Manoel Caruana, l-imaniġġjar tat-traffiku jeħtieġ li jiġi studjat bis-serjetà anke permezz tal-esperti.

Kompla billi qal li f'din it-triq hemm bżonn jiġu mplimentati *traffic calming measures* bħal *speed humps*, *traffic lights* u anke *crash barriers* f'kantunieri li huma suxxettibbli għall-inċidenti. Ikkonkluda billi qal li l-*flow* tat-traffiku għandu jkun wieħed direzzjonat u għaldaqstant ikun tajjeb li ssir diskussjoni wiesgħa anke mar-residenti taż-żona biex nisimgħu x'jaħsbu r-residenti.

13.11.2 Wara diskussjoni, fejn tista tgħid li ħarġu ħsibijiet komuni mill-Kunsillieri preżenti, kien deċiż li titkompla d-diskussjoni wara li l-Kunsill ikun xtarr tajjeb l-opinjonijiet tal-*istakeholders* kollha qabel ma ssir it-talba formali lill-

Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

13.11.3 Imbagħad ġew ippreżentati tliet talbiet minn stabbilimenti tan-negozju fl-Iklin u talba minn residenza privata dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fejn il-korrispondenza ġiet moqrija u diskussa.

Wara diskussjoni, fejn il-membri preżenti esprimew il-fehmiet tagħhom, kien hemm qbil unanimu li ssir spezzjoni fil-jiem li ġejjin biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq pjan ħolistiku. Filwaqt li t-talbiet huma ġejjin minn toroq differenti, kull talba kellha tiġi kkunsidrata fuq il-mertu tal-każ. Is-sidien tan-negozji qed jitlobu allokazzjoni ta' *Un/Loading bay* u inzerta li s-sidien tan-negozji jinsabu fil-viċinanzi ta' xulxin.

13.11.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammi qal li huwa jaf sew din iż-żona u saħaq li l-Kunsill irid ikun għaqli fid-deċiżjoni biex jinżamm il-bilanċ bejn il-komunità residenzjali u dik kummerċjali minħabba l-*issue* tal-parking għar-residenti.

13.11.5 Fl-aħħarnett, is-Sindku ressaq dokument fuq il-mejda għad-diskussjoni fejn l-applikant kien qed jitlob biex jiġi allokat lilu spazju riservat minħabba każ speċjali. Wara li ngħataw id-dettalji tal-persuna, is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi oġġezzjoni dwar din it-talba.

13.11.6 Il-Kunsillier Bernice Farrugia ikkonfermat il-ġenwinità tal-każ u t-talba għaddiet *nem con*.

13.11.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jipproċedi bl-applikazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

## 13.12 TIĠDID TAL-KUNTRATT GĦAS-SERVIZZ CASH IN TRANSIT

13.12.1 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li kien imperattiv li l-Kunsill ikollu s-servizz biex isir id-depożitu tal-flus tal-anqas darba fil-ġimgħa. Peress li l-ftehim eżistenti kien jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2019, kien importanti li l-Kunsill iġedded dan il-ftehim għal perjodu ta' tnax-il xhar ieħor li jagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2020.

13.12.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ftehim fuq il-mejda fejn ġie moqri, mifhum, u aċċettat. Il-prezz għal dan is-servizz huwa ta' Eur27.50 VAT eskluż. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-udituri tal-Gvern dejjem irrimarkaw biex dan is-servizz ikun ta' darbtejn fil-ġimgħa però fil-każ ta' Kunsill żgħir bħal tagħna, is-servizz ta' darba fil-ġimgħa għandu jkun biżżejjed.

13.12.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-ftehim il-ġdid, servizz ta' darba fil-ġimgħa għall-prezz ta' Eur27.50 VAT eskluż.

13.12.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 13.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' TENDER ILC/T/1/2020

13.13.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien ippreparat id-dokument tal-offerta dwar it-twaqqiegħ u r-rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ fi Sqaq in-Namur p/o, Sqaq Ġarda k/m Triq Għargħur p/o, u Triq Richard Taylor. Informa li dan id-dokument tal-offerta kien intbagħat *soft copy* lill-Kunsillieri biex jilħqu jaraw il-kontenut tal-akkwist pubbliku.

13.13.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-preżenti li dan il-proġett ser ikun ko-finanzjat 80%-20% taħt il-Miżura 4.4 – Rural Development Programme for Malta 2014-2020 fejn il-Kunsill se jkun qed jalloka Eur35,300.17c filwaqt li l-Awtorità ta' Ġestjoni ser tikkontribwixxi Eur141,200.69c, fondi li ġejjin mill-Unjoni Ewropeja.

Kompla billi qal li wara li l-Kunsill ottjena l-permessi mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, kien imiss li toħroġ sejħa pubblika.

13.13.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

13.13.4 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova d-dokument tal-offerta u l-awtorizazzjoni ta' Eur35,300.17c mill-allokazzjoni tal-Kunsill biex jiġu depożitati fil-kont bankarju ta' Central Bank of Malta iddedikati għal dan il-proġett.

13.13.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 13.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

13.14.1 Il-Kunsillier Godwin Catania irrimarka li fil-By-Pass ta' B'Kara hemm numru ta' siġar mejta li jeħtieġ jinqalgħu u jitħawlu speċi oħra biex din l-istrippa tkun organizzata.

Kien deċiż li tinkiteb ittra lill-MELP.

13.14.2 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-ħsieb komuni li jsiru 'outside library boxes' fi spazji pubbliċi fl-Iklin.

Kien deċiż li jsir disinn u tintalab kwotazzjoni għall-manifattura u stallazzjoni ta' outside library box fi Pjazza Ninu Cremona.

13.14.3 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2020 fil-5.30 pm.

13.14.4 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2020 fil-5.30 pm.

13.14.5 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv